MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 308/2002/1

**Avviz numru 308/02 DM**

**Emmanuel u Lydia konjugi Attard**
**Vs**
**Joseph Lia ezercitanti l-kummerc taht l-isem Fuji Showroom**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi konsegwenzjalment ghall-akkwist tal-vettura tat-tip Subaru J10, bin-numru ta’ registrazzjoni IBF-514, li minkejja l-indikazzjoni minnu moghtija dwar il-fatt illi tali vettura kienet mahruga gdida mill-fabbrika, irrizulta illi, effettivament, ma kienetx tal-kundizzjoni pattwita, senjatament in kwantu tali vettura ma kellhiex l-ispray originali izda kienet giet imsewwija qabel ma nbieghet lill-atturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-2 ta’ April, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi *una volta* l-atturi ghazlu li jzommu l-vettura *de quo* huma m’ghandhomx dritt ta’ azzjoni ghad-danni izda dritt ta’ azzjoni ghal riduzzjoni fil-prezz pattwit.
2. Bla pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vettura *de quo* giet mibjugha skond il-kondizzjoni pattwita bl-ispray originali.
3. Jekk jirrizulta li l-ispray ghandu xi hsara dana huwa kagun ta’ metodi hziena adoperati mill-atturi fil-kura ta’ l-istess vettura.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Marzu, 2003, fejn gie nominat Joseph Zammit bhala Espert Tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Zammitipprezentata fil-4 ta’ Frar, 2005;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm, kif sewwa indika l-konvenut fl-eccezzjoni tieghu, l-atturi kellhom ir-rimedju illi jagixxu ghar-riduzzjoni tal-prezz stante d-difett minnhom allegat, huma ghazlu illi jagixxu kontra l-konvenut a bazi ta’ danni minnhom sofferti u ghaldaqstant jispetta lilhom illi jindikaw dettaljatament id-danni li gew ikkawzati lilhom minhabba l-konsenja ta’

vettura li ma' kienitx tal-kwalita' pattwita skond it-termini tal-bejgh li kien sar mill-konvenut lill-istess attur.

Id-difett illi l-atturi jallegaw li kellha l-vettura tat-tip Subaru bin-numru ta' registrazzjoni IBF 514 kien jikkonsisti filli s-saqaf, u l-bonnet ta' din il-vettura ma' kienux mizbugha b' zebgha originali tal-fabbrika imma jidher illi kienu gew mizbughin lokalment.

In sostenn ta' din l-allegazzjoni huma pprezentaw survey report ta' Natalino Agius li effettivament iccertifika li mill-ezamijiet li ghamel hu stess irrizultalu illi l-bonnett u s-saqaf tal-vettura IBF 514 ma' kienux mizbughin bl-istess zebgha originali li biha kien mizbugh l-kumplament tal-vettura.

Billi l-konvenut jikkontesta l-allegazzjoni ta' l-atturi illi l-vettura minnu kkonsenjata ma' kelliex spray originali, l-Qorti nnominat bhala esperti lil Joseph Zammit, li bir-relazzjoni tieghu esebita a fol 43 tal-process u pprezentat fl-4 ta' Frar, 2005, ikkonkluda li effettivament l-bonnett u s-saqaf ta' din il-vettura ma' kellhomx l-ispray originali kif kien mizbugh il-kumplament taghha u anke nnota illi l-ispray li gie applikat ma' kienx ta' l-istess hxuna ta' l-ispray moghti originarjament mill-fabbrika u li, anke bil-mod kif gie applikat dan l-ispray, xi partijiet li ma' kellhomx ikunu milqutin biz-zebgha, kienu effettivament gew milqutghin.

L-istess espert imsejjah in eskussjoni, filwaqt li kkonferma l-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom fir-rapport, iddikjara wkoll illi z-zebgha li effettivament giet applikata lokalment fuq il-bonnett u fuq is-saqaf ma' kienitx applikata hazin, anzi l-istess espert seta' jikkonstata illi, apparti t-ticpis minhabba uzu hazin tal-*masking tape,* l-applikazzjoni taz-zebgha li saret lokalment kienet giet mghamula sew.

Ikkonstata ukoll li kollox jindika illi ma' kienx hemm ebda necessita' ta' zebgha mill-gdid fuq il-vettura ta' l-atturi. L-istess espert iddikjara illi la sab tracci ta' sadid u lanqas ma' sab indikazzjoni illi kienet giet applikata zebgha mill-gdid minhabba xi hsarat li seta' kellha din il-vettura fil-bonnett u fis-saqaf.

Ghalkemm jirrizulta illi l-vettura ta’ l-atturi kienet involuta f’ xi kollizzjoni din il-Qorti hija sodisfatta illi tali kollizzjoni m’ ghandha ebda rilevanza fuq il-kaz in kwistjoni, billi n-nuqqas allegat mill-atturi kien definittivament diga riskontrat qabel ma’ saret din il-habta u kien infatti ghalhekk illi l-istess atturi zammew l-bonnett originali li kien gie mibdul in segwitu ghall-imsemmija kollizzjoni.

Ghalhekk, stabbilit illi l-vettura kkonsenjata kellha partijiet minnha li ma’ kellhomx iz-zebgha originali, wiehed irid issa jara x’ inhuma d-danni illi setghu soffrew l-atturi minhabba dan in-nuqqas.

Ghalkemm, nonostante d-differenza fil-hxuna, l-espert tekniku nominat minn din il-Qorti ddikjara illi z-zebgha kif applikata qabel ma’ nbieghet il-vettura lill-atturi kienet applikata skond l-art u s-sengha u li ma’ jidhirx illi l-atturi kellhom ghalfejn jergghu jizbghu l-bonnett u s-saqaf tal-vettura taghhom, il-Qorti ssib, pero’ li, billi l-applikazzjoni taz-zebgha kienet anke cappset partijiet ohra tal-vettura li ma’ kellhomx jintlaqtu u dan kien jindika l-applikazzjoni ta’ zebgha fuq il-bonnett u s-saqaf, dan kien immedjatament jindika lil min hu nteressat illi l-vettura akkwistata mill-atturi ma’ kienitx vettura gdida izda kienet xi vettura sekonda mano. Fil fatt l-ispray painter Joseph Cassar fid-deposizzjoni tieghu osserva li ma’ l-ewwel ezami li ghamel tal-vettura ta’ l-atturi huwa kien irrimarka illi din kient mixtrija *second hand*.

Ghalhekk jidher illi d-danni diretti illi l-attur soffrew minhabba l-konsenja tal-vettura b’ zebgha differenti fuq il-bonnett u s-saqaf minn dik originali jikkonsistu fl-ewwel lok fid-deprezzament evidenti ta’ din il-vettura minhabba illi espert seta’ jirriskontra illi din ma’ kelliex iz-zebgha originali, u fit-tieni lok, prezz ta intervent ulterjuri minhabba t-ticpis indebitu li sar fuq xi partijiet.

Ghal dak li jirrigwarda d-deprezzament wara li l-Qorti kkonstatat illi l-vettura, ghalkemm mibjugha bhala gdida, kienet vettura manifatturata diversi snin qabel il-bejgh, u wara wkoll illi kkonstat il-prezz globali ta’ din il-vettura fis-

sena 2000 kien ta’ erba’ t elef u mitt lira Maltin (LM 4,100) *arbitrio boni viri* tistabbilixxi deprezzament ta sebgha fil-mija (7%) fis-somma komplessiva ghalhekk ta’ mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin (LM 287).

Inoltre minhabba illi biex tingieb fi stat li suppost kienet waqt il-bejgh, din il-vettura kienet tirrikjedi ntervent ta’ spray painter sabiex jirrimedja it-ticpis li rriskontra l-espert fuq l-istess vettura u billi llum dan l-intervent huwa rikjest biss fis-saqaf ta’ l-istess vettura tistabbilixxi s-somma ta’ hamsin lira Maltin (LM 50) ghal tali xogholijiet.

Ghaldaqstant ssib illi d-danni li soffrew l-atturi minhabba n-nuqqas riskontrat fil-vettura li xtraw minghand il-konvenut, jammontaw ghas-somma komplessiva ta’ tlett mija, sebgha u tletin lira Maltin (LM 337) u tillikwida d-danni minnhom sofferti f’ dan l-ammont u konsegwentement tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas din is-somma ta’ tlett mija u sebgha u tletin lira Maltin (LM 337) lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------